# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 23**

**Rikors numru 317/17 JPG**

**Adam Ahmed Gismalla bhala mandatarju specjali tal-assenti Ali Abdussalam Abdelsamad fil-kwalita` tieghu ta' segretarju generali tal-Great Alfatih (69) Birth Association**

**v.**

**BH International Limited (C 29146), Adel Ashur, Charlo Briffa, Venture Services Limited (C 25224), u Asia Investments and Assets Limited, u kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta` assenti Asia Investments and Assets Limited (C 154018) u b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Novembru, 2012 gew nominati Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Peter Sammut bhala kuraturi deputati minflok l-assenti Asia Investments and Assets Limited, il-Kuraturi Deputati fuq indikati estromessi permezz ta' digriet tal-31 ta' Mejju 2013, u r-Registratur tal-Qorti**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Adam Ahmed Gismalla, bhala mandatarju specjali tal-assenti Ali Abdussalam Abdelsamad, fil-kwalità tieghu ta' segretarju

generali tal-Great Alfaith (69) Birth Association, tas-7 ta' April, 2017, li permezz tieghu nghad:

> "*Illi l-esponent kien inizzja proceduri fl-ismijiet Ali Abdussalam Abdelsamad fil-kwalita' tieghu ta' segretarju generali tal-Great Alfatih (69) Birth Association vs BH International Limited (C 29146) Adel Ashur (Passaport nru 244116) Charlo Briffa (ID. 470674(M)) Venture Services Limited (C 25224) u Asia Investments and Assets Limited, u kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta' assenti Asia Investments and Assets Limited (154018) u b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Novembru, 2012 gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Peter Sammut bhala kuraturi deputati minflok lassenti Asia Investments and Assets Limited Kuraturi deputati fuq indikati estromessi permezz ta' digriet tal-31 ta' Mejju 2013.*
>
> "*Illi din il-kawza li kellha citazzjoni numru 835/12 JPG giet deciza fil-31 ta' Mejju, 2013. Minn din is-sentenza gie intavolat appell liema appell jinsab pendenti.*
>
> "*Illi pero fil-frattemp l-esponenti sar jaf illi wara s-sentenza li nghatat f'din il-kawza giet intaxxata.*
>
> "*Illi din it-taxxa inhadmet ad valorem fuq il-valur imsemmi f'mandat ta' sekwestru li gie intavolat kontestwalment mal-kawza sabiex jikkawtela l-pretenzjonijiet ta' l-attur fil-kawza.*
>
> "*Illi fil-frattemp gie appuntat l-appell u l-avviz ta' kawtela gie mahdum a bazi ta' din it-taxxa. Kopja tal-kawtela qed tigi annessa u mmarkata Dok A.*
>
> "*Illi pero s-sentenza imsemmija li a bazi taghha inhareg it-taxxa qed tigi attakkata f'dawn il-proceduri ma kienitx sentenza fuq il-mertu tal-kawza pero sentenza fuq zewg eccezzjonijiet preliminari u ta' natura legali, liema eccezzjonijiet gew milqugha.*
> *"Illi konsegwentement it-taxxa relattiva ghal din il-kawza kellha tinhadem fuq punt ta' ligi u mhux ad valorem.*
>
> "*Illi l-artikolu 4(f)(3) ta' l-Iskeda A tal-Kap. 12 jghid hekk:*
>
> > "*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ."*

"*Illi il-Qorti la setghat u lanqas ma kellha ghalfejn tillikwida ammont bhala valur tal-kawza u dan ghaliex, kif gja inghat, it-talbiet attrici gew regettati fuq punt legali.*

"*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

> "*1. Tordna, a tenur tal-Artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li tithassar it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti wara s-sentenza fl-ismijiet Ali Abdussalam Abdelsamad fil-kwalita' tieghu ta' segretarju generali tal-Great Alfatih (69) Birth Association vs BH International Limited (C 29146) Adel Ashur (Passaport nru 244116) Charlo Briffa (ID. 470674(M)) Venture Services Limited (C 25224) u Asia Investments and Assets Limited, u kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta' assenti Asia Investments and Assets Limited (154018) u b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Novembru, 2012 gew nominati Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Peter Sammut bhala kuraturi deputati minflok l-assenti Asia Investments and Assets Limited Kuraturi deputati fuq indikati estromessi permezz ta' digriet tal-31 ta' Mejju 2013 (Citaz. nru. 835/12 JPG) deciza fil-31 ta' Mejju, 2013.*
>
> "*2. Tordna lill-istess Registratur sabiex jerga' jintaxxa l-kawza skond kif dirett minn din l-Onorabbli Qorti,*

"*u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni*".

Rat ir-risposta tar-Registratur Qrati Civili u Tribunal tal-25 ta' Mejju, 2017, li permezz taghha jeccepixxi:

"*1. Illi din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-attur fir-rigward tal-kawza bin-numru 835/12 JPG fl-ismijiet Adam Ahmed Gismalla noe vs BH International Ltd et liema kawza tinsab sine die quddiem il-Qorti tal-Appell. Illi l-esponenti jissottometti li t-talba attrici ghal din ir-ritassa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez u dan inter alia minhabba s-segwenti ragunijiet:*

"*2. Illi l-esponent jaghmel referenza ghal dak li qed jghid ir-rikorrent fejn qed isostni illi din it-taxxa ma kellhiex tinhadem ad valorem u lanqas ma kellha tinhadem fuq il-valur imsemmi fil-mandat ta' sekwestru. Fil-fatt, din it-taxxa giet mahduma – kif inhu tenut jghamel l-esponenti - abbazi tal-valur li rrizulta kemm mill-atti tal-kawza mertu ta' din ir-ritassa u kemm fir-rikors revoka li jgib in-numru 981/12 JPG.*

"*3. Illi jrid jigi rilevat illi l-provi mressqa fir-rikors revoka Nru 981/12 JPG japplikaw ghall-proceduri tar-Rikors Guramentat 835/12 JPG li tieghu qed tintalab ir-ritassa odjerna (ara fol. 7 tas-sentenza fl-istess kawza 835/12).*

"*4. Mill-atti rrizulta, illi t-talba tar-rikorrenti kienet fuq 5,250 vettura li dawn il-vetturi skont l-atti tal-kawza (ara fol 129 tal-kawza 835/12JPG) kienu jiswew 13,300 dollari l-wahda, ghaldaqstant il-valur ta' 5,250 vettura jitla' ghall-ammont tal-fuq minn 60 miljun ewro. Dan il-valur, jirrizulta wkoll mir-rikors revoka numru 981/12JPG senjatament a fol 82 tal-process.*

"*5. Di piu fl-appell, ir-rikorrent stess, kontestwalment mar-rikors tal-appell, nhar l-20 ta' Gunju, 2013, ipprezenta rikors sabiex l-appell jigi mismugh, trattat u deciz b'urgenza peress li l-kawza si tratta ta' valur ta' l fuq minn 60 miljun ewro, liema talba giet michuda, pero turi li l-pretensjoni tar-rikorrenti kienet u ghada l-istess kemm fil-Prim Istanza u kemm fl-Appell.*

"*6. Illi r-rikorrenti ghamel ukoll diversi talbiet ohra fosthom il-kundanna tar-responsabilita, il-likwidazzjoni ta' danni u l-kundanna ghal hlas ta' tali danni;*

"*7. Illi jinghad illi "f'kawza fejn tigi mitluba dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghal danni sofferti mill-attur, li ghandhom jigu likwidati fl-istess kawza jew f'gudizzju separat, illi t-tassazzjoni ghandha tigi regolata mit-talba jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir "ad valorem", u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni". (Carmelo Axiak vs Av Dr Giuseppe Vella noe et, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951).*

"*8. Illi t-talbiet kontenuti f'din il-kawza jaghmluha wahda taxxabbli ad valorem skont il-para. 3 tat-Tariffa A u l-para. 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

"*9. Illi kif gja inghad la darba kien hemm it-talba ghal-likwidazzjoni ta' danni, l-esponent hadem it-taxxa ukoll skont l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 fir-rigward tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali li tghid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".*

"*10. Illi ir-rikorrent, igib l-argument ukoll, illi din il-kawza kellha tigi ntaxxata bhala punt ta' ligi stante li din il-kawza ma gietx deciza fuq il-mertu izda giet deciza fuq zewg eccezzjonijiet preliminari li huma ta' natural legali. Dan l-argument ma jreggix peress illi t-taxxa tinhadem skont it-talbiet maghmula fir-rikors guramentat u dan indipendentement jekk it-talbiet ta' min jipprezenta l-kawza jigux milqugha jew le. Il-gurisprudenza nostrana hija cara fuq kif ghandha ssir id-domanda u cjoe' li "it-tassazzjoni tal-kawzi ghandha tigi regolata mid-domanda jew*

*talba" (Av. Leslie Grech noe vs Frank Abela et, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Jannar 2002).*

"*11. Il-Qorti, fid-decizjoni taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju. Ghaldaqstant, wara li l-esponenti ra l-atti processwali, id-drittijiet tar-registru u tal-avukat gew intaxxati bin-nofs. Dan peress illi, skont it-Tariffa E Art. 27 tal-Kap. 12 "F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-ossservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjoniiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt", u billi f'din il-kawza, il-Qorti ma kinitx dahlet fil-mertu tal-kaz, ghalhekk id-dritt tal-avukati intaxxat fil-kawza gie ridott bin-nofs skond il-Ligi.*

"*12. Illi dan kollu jwassal ghal konkluzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promotur tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu*".

Rat ir-risposta tas-socjetà BH International Limited et tat-22 ta' Gunju, 2017, li permezz taghha gie eccepit:

"*1. Illi din hija kawza ta' ritassa ai termini tal-Art 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-attur fir-rigward tal-kawza bin-numru 835/12 JPG fl-ismijiet Adam Ahmed Gismalla noe vs BH International Ltd et liema kawza tinsab sine die quddiem il-Qorti tal-Appell. Illi l-esponenti jissottometti li t-talba attrici ghal din ir-ritassa hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez u dan inter alia minhabba s-segwenti ragunijiet:*

"*2. Illi l-esponent jaghmel referenza ghal dak li qed jghid ir-rikorrent fejn qed isostni illi din it-taxxa ma kellhiex tinhadem ad valorem u lanqas ma kellha tinhadem fuq il-valur imsemmi fil-mandat ta' sekwestru. Fil-fatt, din it-taxxa giet mahduma – kif inhu tenut jghamel l-esponenti - abbazi tal-valur li rrizulta kemm mill-atti tal-kawza mertu ta' din ir-ritassa u kemm fir-rikors revoka li jgib in-numru 981/12 JPG. Illi sahansitra l-mandat ta' sekwestru ippresentat mal-kawzi kellu ammont ta' sitta u sittin miljun dollaru amerikan (USD 66,000,000.00). Konferma aktar min hekk ma jistax jkun hemm li l-kawza kellha u ghandha tigi ntaxxata ad valorem ghaliex sa mill-bidu nett l-attur ghamel talba ammontanti ghal valur definit u kien ghaliex sabiex jevita l-hlas tar-registru mal-presentata tal-kawza li huwa ma semmiex il-valur definit.*

"*3. Illi jrid jigi rilevat illi l-provi mressqa fir-rikors revoka Nru 981/12 JPG japplikaw ghall-proceduri tar-Rikors Guramentat 835/12 JPG li tieghu qed tintalab ir-ritassa odjerna (ara fol. 7 tas-sentenza fl-istess kawza 835/12).*

"*4. Mill-atti rrizulta, illi t-talba tar-rikorrenti kienet fuq 5,250 vettura li dawn il-vetturi skont l-atti tal-kawza (ara fol 129 tal-kawza 835/12JPG) kienu jiswew 13,300 dollari l-wahda, ghaldaqstant il-valur ta' 5,250 vettura jitla' ghall-ammont ta' USD 69,825,000.00. Dan il-valur, jirrizulta wkoll mir-rikors revoka numru 981/12JPG senjatament a fol 82 tal-process.*

"*5. Di piu fl-appell, ir-rikorrent stess, kontestwalment mar-rikors tal-appell, nhar l-20 ta' Gunju, 2013, ipprezenta rikors sabiex l-appell jigi mismugh, trattat u deciz b'urgenza peress li l-kawza si tratta ta' valur ta' l fuq minn 60 miljun ewro, liema talba giet michuda, pero turi li l-pretensjoni tar-rikorrenti kienet u ghada l-istess kemm fil-Prim Istanza u kemm fl-Appell.*

"*6. Illi r-rikorrenti ghamel ukoll diversi talbiet ohra fosthom il-kundanna tar-responsabilita, il-likwidazzjoni ta' danni u l-kundanna ghal hlas ta' tali danni;*

"*7. Illi jinghad illi "f'kawza fejn tigi mitluba dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghal danni sofferti mill-attur, li ghandhom jigu likwidati fl-istess kawza jew f'gudizzju separat, illi t-tassazzjoni ghandha tigi regolata mit-talba jista' jigi kwalifikat mill-massima l-ohra li tghid li, meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir "ad valorem", u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni". (Carmelo Axiak vs Av Dr Giuseppe Vella noe et, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951).*

"*8. Illi t-talbiet kontenuti f'din il-kawza jaghmluha wahda taxxabbli ad valorem skont il-para. 3 tat-Tariffa A u l-para. 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

"*9. Illi kif gja inghad la darba kien hemm it-talba ghal-likwidazzjoni ta' danni, l-esponent hadem it-taxxa ukoll skont l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 fir-rigward tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali li tghid illi: "Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit".*

"*10. Illi ir-rikorrent, igib l-argument ukoll, illi din il-kawza kellha tigi ntaxxata bhala punt ta' ligi stante li din il-kawza ma gietx deciza fuq il-mertu izda giet deciza fuq zewg eccezzjonijiet preliminari li huma ta' natural legali. Dan l-argument ma jreggix peress illi t-taxxa tinhadem skont it-talbiet maghmula fir-rikors guramentat u dan indipendentement jekk it-talbiet ta' min jipprezenta l-kawza jigux milqugha jew le. Il-gurisprudenza nostrana hija cara fuq kif ghandha ssir id-domanda u cjoe' li "it-tassazzjoni tal-kawzi ghandha tigi regolata mid-domanda jew*

*talba" (Av. Leslie Grech noe vs Frank Abela et, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Jannar 2002).*

"*11. Il-Qorti, fid-decizjoni taghha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju. Ghaldaqstant, wara li l-esponenti ra l-atti processwali, id-drittijiet tar-registru u tal-avukat gew intaxxati bin-nofs. Dan peress illi, skont it-Tariffa E Art. 27 tal-Kap. 12 "F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-ossservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjoniiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt", u billi f'din il-kawza, il-Qorti ma kinitx dahlet fil-mertu tal-kaz, ghalhekk id-dritt tal-avukati intaxxat fil-kawza gie ridott bin-nofs skond il-Ligi.*

"*12. Illi l-eccipjenti kien insista li tali taxxa kellha tigi intaxxata fuq il-valur rejali u mhux fuq in-nofs ghaliex l-Appell qed jittenta jitlob il-hlas tal-imsemmi ammont ta' oltre USD 66,000,000.00 u mhux nofs dik is-somma kwindi anke t-taxxa kif mahduma (nofs) ul-kawtela mhumiex jirriflettu il-valur komplut.*

"*13. Illi dipiu u ta' certa pertinenza huwa l-fatt illi l-attur ippresenta mandat ta'sekwestru u inibizzjoni u litreralment imblokkal-assi ul-operattas-socjeta' intimata fl-ammont ta' USD 66,000,000.00 u hallas biss registru normali ta' ftit euros. Illi s-socjeta' tinstab tistenna Sentenza jew digriet revoka tal-mandati fil-kaz illi ma jippresentax garanzija opportuna ai termini tal-Artiklu 838 A tal-Kap 12. Jidher car illi l-attur ma ghandhu ebda intenzjoni jhallas u jaghmel garanziji ghad-danni ingenti ikkawzati u ghalhekk ma jidher li huwa dispost jhallas ebda kawtela izda biss li jtawwal l-imsemmija proceduri haga li issa l-Qorti tal-Appell intebhet biha u poggiet l-istess Appell sine die.*

"*14. Illi dan kollu jwassal ghal konkluzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promotur tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu*".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Ottubru, 2017, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens li, filwaqt li cahdet l-eccezzjonjiet kollha tar-Registratur tal-Qorti u tas-socjetà intimata sa fejn hu kompatibbli u konsegwentement laqghet it-talbiet attrici billi: (1) ordnat it-thassir tat-taxxa ndikata fl-atti tar-rikors, wara l-kawza fl-ismijiet **Ali Abdussalam noe v. BH International Limited et** (Citazzjoni Numru 835/2012 JPG), deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-31 ta' Mejju 2013;

u (2) ordnat lill-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali biex jirredigi u johrog taxxa gdida limitata biss ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq bazi ta' punt ta' ligi, dwar l-eccezzjoni preliminari, minghajr drittijiet *ad valorem*. Bl-ispejjez jithallsu mill-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi r-rikorrent nomine qieghed, fil-kawza odjerna, jattakka it-taxxa li harget riferibbilment ghad-dritt tar-registru, dritt ta' avukat u dritt tal-prokuratur legali ghall- kawza fl-ismijiet Ali Abdussalam noe vs BH International Limited et" (Citazzjoni Numru 835/2012 JPG, kif deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2013.
>
> "Rigward in-natura ta' din l-azzjoni, intqal fis-sentenza fl-ismijiet Speranza Gatt vs Dr. Albert Libreri et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Frar 2010:
>
> > "[i]*lli għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il- ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss*."
>
> "Huwa risaput illi t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija mharsa mill-principju li wiehed jezamina it-talba li tkun saret jew is-sentenza li tkun inghatat meta s-somma mhix determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wiehed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-process gudizzjarju, u mhux semplicement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Dan il-principju huwa wiehed flessibli, kwalifkat bil-principju li t-tassazzjoni tal-kawza tista' tinstilet minn dak li l-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Gustavo Micallef vs Eleonora Micallef et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Lulju 1946 iddeskriviet bhala '*il complesso del tema contenzioso, ossija massa litigiosa'.*

"Izda mbaghad, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Registratur tal-Qrati u Direttur Generali et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Gunju 2001:

> "…*mill-prattika li ilha mwaqqfa ghal zmien twil, t-tassazzjoni ad valorem hija ibbazata fuq talbiet li jwasslu ghall-passagg ta' flus jew fondi jew ghat-trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet marbutin ma' dan. Meta kawza ma taqax f'kategorija bhal dawn li ghadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni generalment issir a bazi ta' dikjarazzjoni*."

"Fis-sentenza fl-ismijiet Ronald Gaerty vs Registratur tal-Qorti u Direttur Generali et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Marzu 2013 intqal illi:

> "[f]*il-kaz in ezami, il-vertenza li giet definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell kienet tirrigwarda strettament punt ta' dritt, ossia il preskrizzjoni tal-azzjoni. Ma kenitx tirrigwarda passagg jew trasferimenti ta' flus, fondi jew proprjeta jew jeddijiet marbutin mal-istess.* (…) *Il-kuntrast bejn il-partijiet f'dak l-istadju kien b'hekk limitat ghall-punt ta' dritt u ma jistax jinghad li, f'dak l-istadju, il-massa litigioso jew il-qofol tal-kwistjoni, kien jirrigwarda t-talbiet ta' responsabbilta` u likwidazzjoni tad-danni li kellhom jigu determinati fi stadju ulterjuri. Isegwi ghalhekk li t-taxxa kellha tigi komputata fuq bazi ta' dikjarazzjoni*…"

"Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament u taghmlu taghha. Fil-kaz in ezami wkoll, fl-istadju fejn kienet il-kawza, il-kuntrast bejn il-partijiet kienet limitat ghal punt ta' dritt u cioe l-ewwel eccezzjoni tal-intimati skont liema il-proceduri kienu nulli ab inizio ghaliex is-socjeta rikorrenti ma kellhiex il-kapacita guridika sabiex tipprezenta l-kawza. Ghalhekk, il-qofol tal-kwistjoni ma kienx jirrigwarda t-talbiet ta' responsabbilita likwidazzjoni ta' danni, izda biss dikjarazzjoni fuq punt ta' dritt. Applikati l-principji ndikati fis-sentenza appena citata, it-taxxa kellha tigi komputata fuq bazi ta' dikjarazzjoni, mhux ad valorem.

"Rigward l-ammont li s-socjeta rikorrenti qed tigi mitluba thallas bhala garanzija pero, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza fl-4 ta' Frar 1994 fl-ismijiet Av. Tonio Borg noe vs Agent Registratur tal-Qorti, fejn il-Qorti tal-Appell kienet ikkonkludiet illi l-Qorti tal-Appell ghandha gurisdizzjoni esklussiva biex tiddetermina kwistjonijiet rigward kontestazzjonijiet ta' malliverija wara li rrilevat li:

> "…*meta r-Registratur jistabbilixxi l-ammont tal-malliverija l-operat tar-Registratur tal-Qorti difatti, ma jistax jigi deskritt bhala wiehed ta' semplici intaxxar tal-ispejjez gudizzjarji ta' kawza, izda biss ta' fissazzjoni ta' malliverija mehtiega biex jimxi 'l quddiem fl-appell*."

"Ghalhekk, is-sentenza ta' din il-Qorti ma' jista' jkollha l-ebda effett fuq il-garanzija li r-rikorrent nomine gie mitlub ihallas bhala kawtela tal-ispejjez qabel ma jkun jista' jinstema l-appell".

Rat ir-rikors tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali, li permezz tieghu appella mis-sentenza u ghar-ragunijiet hemm imsemmija talab li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka fis-shih is-sentenza appellata u filwaqt li tichad it-talbiet kollha attrici, tilqa' *in toto* l-eccezzjonijiet tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

Rat ir-risposta ta' Adam Ahmed Gismalla nomine, li permezz taghha talab li l-aggravji tal-appellant ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tal-appellant.

Semghet lid-difensuri tal-appellant Registratur Qrati u Tribunali Civili u tal-appellat Adam Ahmed Gismalla nomine, jitrattaw l-appell in ezami u rat li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-attur appellat jinvoka l-Artikolu 64(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex jitlob li tithassar it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti, wara s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Ali Abdussalam Abdelsamad nomine v. BH International Limited et**, li ggib referenza 835/2012JPG, deciza fil-31 ta' Mejju, 2013,

li wkoll tinsab pendenti quddiem din il-Qorti. L-attur appellat jibbaza t-talba tieghu fuq il-premessa li bid-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dik il-kawza, fejn intlaqghet eccezzjoni preliminari, il-mertu ma kienx deciz, kwindi t-taxxa relattiva kellha tinhadem fuq punt ta' ligi u mhux *ad valorem.*

Ir-Registratur appellant jikkontendi li l-valur tal-kawza jirrizulta kemm mill-atti tal-kawza, mir-rikors tar-revoka tal-mandat ta' sekwestru, kif ukoll mir-rikors ipprezentat kontestwalment mar-rikors tal-appell (li jgib referenza 835/12) fejn intalab li l-appell jigi mismugh u trattat b'urgenza peress li l-kawza titratta valur ta' 'l fuq minn 60 miljun euro, li huma kollha prova tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Kwindi jinsisti li t-talbiet f'din il-kawza huma taxxabbli *ad valorem* a tenur tal-paragrafu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi peress li l-ewwel Qorti f'dik il-kawza lliberathom mill-osservanza tal-gudizzju, id-drittijiet tar-registru u tal-avukat ghandhom jigu ridotti bin-nofs, skont il-paragrafu 27 tat-Tariffa E.

Min-naha l-ohra, l-appellat jishaq l-punt li s-sentenza deciza mill-Qorti fil-kawza li ggib referenza 835/2012, li t-taxxa taghha qeghda tigi kkontestata, inghatat fuq eccezzjoni preliminari li l-attur ma kellux l-interess guridiku li jibda l-proceduri, li kienet materja purament legali li ma kienx jehtieg li l-Qorti tidhol fil-mertu tal-kontestazzjoni.

L-ewwel Qorti filwaqt li laqghet it-talbiet attrici, ordnat it-thassir tat-taxxa in kwistjoni u ordnat lill-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali biex johrog taxxa gdida limitata ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fuq bazi ta' punt ta' ligi.

Ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali hassu aggravat mill-imsemmija sentenza u ressaq l-appell in ezami, li huwa msejjes fuq zewg aggravji: (1) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-ligi u l-gurisprudenza in materja; u (2) l-applikazzjoni tas-sentenza appellata jkun ifisser deroga cara minn dak li trid il-Ligi.

Qabel ma jigu trattati dawn l-aggravji, jinhass opportun li jigi puntwalizzat li, din il-Qorti taqbel pjenament ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn inghad *obiter* li, rigward l-ammont li s-socjetà appellata qeghda tintalab li thallas bhala garanzija (fl-appell tal-kawza li ggib referenza 835/2012), is-sentenza appellata ma jista' jkollha ebda effett fuq il-garanzija li l-appellat, (li huwa appellant fil-kawza 835/2012) gie mitlub li jhallas bhala kawtela tal-ispejjez, qabel ma jkun jista' jinstema l-appell. Dan qieghed jigi pprecizat peress li, ghalkemm fir-rikors promotur jinghad li l-azzjoni attrici odjerna hija wahda ta' ritassa a bazi tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellat esebixxa kopja tal-kawtela flimkien mar-rikors promotur u mhux tat-taxxa li qeghda tigi kkontestata. Kwindi din il-Qorti hija tal-istess fehma bhall-ewwel Qorti, sa fejn inghad minnha li hija din

il-Qorti li ghandha gurisdizzjoni esklussiva biex tiddetermina kontestazzjonijiet dwar il-malliverija. Isegwi li peress li l-azzjoni attrici in ezami hija wahda ta' ritassa, lanqas l-ezitu ta' dan l-appell ma ghandu jkollu ebda effett fuq il-hlas ta' dik il-garanzija.

Trattat dan il-punt, imiss li jigu trattati l-aggravji tal-appellant. Sa fejn ir-Registratur appellant jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, kif kellha diversi okkazjonijiet ohra li taghmel, din il-Qorti, bhala wahda ta' revizjoni, qajla tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti fuq l-aggravju ta' apprezzament hazin ta' fatti, sakemm ma jirrizultax li hemm zball manifest, jew jekk il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li ma kellhiex tasal ghaliha u li konsegwentement, xi parti tkun ser issofri ingustizzja, jekk is-sentenza in kwistjoni tibqa' fis-sehh. Din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Izda, din il-Qorti, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti, sabiex tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti, kienitx wahda li dik il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi.

L-unika prova li tressqet fil-kaz in ezami hija x-xhieda ta' Emanuel Sciriha li xehed fil-kariga tieghu ta' Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, li spjega li t-taxxa nhadmet *ad valorem* fuq l-ammont ta' sittin miljun ewro kif

irrizultalhom kemm mill-mandat, mir-rikors ghar-revoka tieghu, kif ukoll mill-atti tal-appell. Izda mbaghad hadu nofs il-valur, peress li kien hemm liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju u dan kif jipprovdi l-Artikolu 27 tat-Tariffa E. Isegwi li l-prova in atti, hija intrinsikament marbuta mal-interpretazzjoni tal-artikoli tal-ligi applikabbli u tal-gurisprudenza relativa. Kwindi l-pern tal-kwistjoni kollha hi jekk it-tassazzjoni li qeghda tigi kkontestata kellix tkun *ad valorem* jew bhala semplici punt ta' ligi jew ta' fatt.

Jehtieg li jigu ezaminati l-paragrafi rilevanti tat-tariffa E li jirregolaw l-intaxxar ta' drittijiet li jithallsu lill-avukati. Paragrafu 13 tat-Tariffa E tal-Iskeda A jipprovdi ghall-kazijiet ta' sentenzi definittivi fejn jirrizulta li hemm valur, kwindi jahseb ghal dawk il-kawzi li huma taxxabbli *ad valorem:*

> "*13. Ghal kull sentenza definittiva:*
>
> "*(i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ..................€46.59 bhala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-oghla*
>
> "*(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 ghal kull €232.94 .................................. €6.99*
>
> "*(iii) dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 ghal kull €232.94 ............................. €2.33*
>
> "*Izda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (b) tat-Tariffa A, ghandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu ffissat bil-ligi ghall-penali ikkontemplata fiha*".

Filwaqt li l-pararafu 14 u 15 tal-istess Tariffa E jipprovdi:

> *"14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat, jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabilit*".
>
> *"15. (a) Ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt .................................minn €23.29 sa € 232.94*".

Importanti wkoll huwa paragrafu 27 tal-istess Tariffa E tal-Iskeda A, li jipprovdi:

> "*27. F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt*".

Rilevanti f'dan il-kuntest hija l-gurisprudenza dwar il-materja in ezami. Fis-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tal-15 ta' Lulju, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea v. Silvio Zammit et,** inghad:

> "*t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Civili, 17 ta' April, 1978;*".

Filwaqt li fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Lulju, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Frances sive Franca Camilleri v. Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta**, inghad ukoll:

> "*Illi fid-dritt huwa stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ma taqbilx li t-taxxa dwar id-drittijiet tal-avukat kellha tinhadem fuq il-bazi tal-paragrafu 15(a) li jikkontempla semplici punt ta' ligi. It-talbiet attrici kienu jinkludu dawk ta' dikjarazzjoni li l-konvenuti kkwazaw id-danni lill-attur, kif ukoll ta' likwidazzjoni ta' danni sofferti mill-attur. Jekk wiehed iqis, kif inghad mill-istess appellat fir-rikors promotur tieghu, li t-taxxa nhadmet fuq mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-kawza **sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tal-attur**, mela huwa ritenut li dan kollu jaqa' fil-parametri tal-paragrafu 14 tat-Tariffa E, in kwantu d-dikjarazzjoni mitluba ghandha konnessjoni "*ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process*". Kwindi r-Registratur ghamel sew meta hadem it-taxxa fuq bazi ta' *ad valorem* peress li l-pretensjonijiet tal-attur *ex admissis* jirrizultaw mill-atti tal-kawza (li ggib referenza 835/2012). Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Manche v. l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre et** deciza fl-20 ta' Marzu 1989, il-qorti kkonfermat

li l-valur jista' jigi stabbilit mill-massa litigjuza u bbazat il-*quantum* fuq l-ammont tad-danni li ppretenda l-attur fil-mandat ta' sekwestru pendenti l-kawza (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tal-15 ta' April, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Francis Saliba et v. Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex et**).

Konsidrat ukoll li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju, 2013, fil-kawza li ggib referenza 835/2012, illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, fuq eccezzjoni li ma tolqotx il-mertu tal-kawza, in kwantu dik il-Qorti ma ddisponiet mill-mertu bl-ebda mod, jirrizulta li m'hemmx dubju wkoll li kellu jigi applikat il-paragrafu 27 tat-Tariffa E. Kif inghad qabel, dan jipprovdi li filwaqt li f'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju moghtija fuq eccezzjonijiet li jolqtu l-mertu, id-dritt tal-avukat huwa dak stabbilit f'paragrafu 13, f'kull kaz iehor, jinghata nofs l-imsemmi dritt.

Sintendi l-istess valur ghandu jintuza kemm ghall-finijiet tad-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, kif ukoll ghad-drittijiet tar-Registru tal-Qorti. Inoltrè l-paragrafu 5(3) tat-Tariffa A (Drittijiet li jithallsu rigward is-smigh tal-kawzi fir-Registru tal-Qrati) huwa bbazat fuq l-istess principji meta jipprovdi:

> "*5 (3) … izda f'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza d-drittijiet kollha intaxxati skont il-paragrafi 2 sa 4 ghandhom jigu mnaqqas bi…….50%*".

Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni rilevanti ohra maghmula mir-Registratur appellant, din id-darba taht it-tieni aggravju tieghu. Huwa al kwantu car li l-ligi, permezz tal-paragrafu 27 tat-Tariffa E, taghmel distinzjoni bejn helsien fuq l-eccezzjonijiet li jolqtu l-mertu principali u eccezzjonijiet li ma jolqtux il-mertu. Ghalkemm din id-distinzjoni ma tirrizultax mit-Tariffa A, li kieku kellha tinghata l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, dan ikun ifisser li l-provvediment tal-paragrafu 27 tat-Tariffa E jigi rez superfluwu. Kif kellha okkazzjoni tirrileva din l-istess Qorti, meta l-kliem tal-ligi huwa car, ma hemm lok li tinghata ebda interpretazzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Novembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Abela et v. Kummissarju tal-Artijiet**). Ladarba s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 2013, li taghha kienet qeghda tintalab ir-ritassa, kienet deciza fuq eccezzjoni li ma tolqotx il-mertu, ghamel sew ir-Registratur appellant li intaxxa d-drittijiet bin-nofs, kif wara kollox tipprovdi l-ligi.

Isegwi li l-appellant ghandu ragun meta jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li peress li l-kawza giet deciza fuq punt preliminari, allura kellha tigi intaxxata fuq punt ta' dritt, u ghalhekk l-appell tieghu jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali billi tilqa' l-istess, u filwaqt li tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Ottubru, 2017, fl-ismijiet premessi, tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tar-Registratur appellant.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mir-rikorrent appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb